

IN SUBLIMI VIRTUS

# Saint Elias COLLEGE






# YeaR BooK





2014-2015






**Disinn tal-Ktieb** Fabio Borg
**Ritratti** David Briffa u Luciano Bianco
**Il-Qari tal-Provi** Keith Attard
**Ġbir tar-Reklami** Giovanni Chetcuti

*Ħajr lil dawk kollha li rreklamaw f'dan il-ktieb*

# WERREJ


Il-Messaġġ tal-Provinċjal 2

Il-Messaġġ tar-Rettur 4

Il-Bidu tas-Sena Skolastika 6

Ħarġiet Edukattivi 8

Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Milied 10

L-Inawgurazzjoni tal-Librerija 12

Rebbieħa 14

Jum l-Isports 16

Attivitajiet Oħrajn 18

Jum il-Premjazzjoni 20

Il-Missjoni Karmelitana tal-Bolivja 22

Jum il-Gradwazzjoni 34

Il-Kapitlu Provinċjali 36

Esperjenza ta' Eks-Student 38

Mis-Sena l-Oħra 40

70 Sena ta' Ħidma Edukattiva 42

L-Istrina BOV Piggy Bank Campaign 43

It-Tberik tas-Sular il-Ġdid 44

EkoSkola 46



# IL-MESSAĠĠ TAL-PROVINĊJAL

## Patri Alexander Vella O.Carm.

Nieħu gost ħafna nara li minn sena għall-oħra jsir progress f'*Saint Elias College*. Hemm progress li jidher ħafna għax fih aspett materjali. Hekk, fis-sena skolastika li għaddiet, il-kulleġġ kompla jistagħna b'laboratorji ġodda u kmamar oħra utli fir-raba' sular li issa tlesta għalkollox u tbierek mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta, nhar id-29 ta' Ottubru 2014. Dakinhar iċċelebrajna 70 sena ta' ħidma edukattiva mill-Karmelitani f'Malta bil-ftuħ tal-*iScuola Mariano-Apostolica* fil-Kunvent tal-Belt Valletta. Minn dak il-bidu sempliċi twieled dak li llum hu *Saint Elias College*. Iktar tard fl-istess sena skolastika (2014-2015) infetħet il-librerija l-ġdida li, għad-daqs tal-iskola, hija kbira, attraenti u attrezzata tajjeb.

Inħoss li l-iskola tagħna mxiet ħafna 'l quddiem, mhux biss fl-aspett materjali, imma fl-aspetti kollha li jagħmlu skola: il-livell tat-tagħlim, l-attivitajijet extra-kurrikulari, l-inklussività, is-sensibilità ekoloġika, is-sensibilità soċjali li tidher l-iktar f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi għall-missjoni tagħna tal-Bolivja, u aspetti oħrajn. Ħaġa li nħossni kburi ħafna biha hija l-istaff tal-kulleġġ, staff magħqud, li jinteressah ġenwinament mit-tfal u li jikkollabora ħafna mar-Rettur.

Bħala skola Kattolika u Karmelitana, aħna jinteressana l-iżvilupp sħiħ tat-tfal. Irridu nedukawhom bħala persuni u mhux biss bħala mħuħ. Tinteressana b'mod partikulari l-formazzjoni spiritwali, kemm tat-tfal u kemm tal-istaff. Dan hu aspett li fis-sena skolastika l-ġdida rridu naħdmu biex inkomplu nsaħħu.

Il-Provinċja Karmelitana Maltija se tkompli tagħmel kulma tista' biex tissokta dan is-servizz edukattiv. Aħna żguri li se nkomplu nsibu l-koperazzjoni tat-tfal infushom, tal-istaff, tal-ġenituri u ta' dawk kollha li huma involuti magħna f'*Saint Elias College*.



APS STAR ACCOUNT

3.25% p.a.

GROSS INTEREST RATE

# GET THEM OFF TO A FLYING START

## CHILDREN'S SAVINGS ACCOUNT

Open an APS Star Account for your children today to support their needs of tomorrow. Through this account your child will also have the opportunity to learn about the importance of saving money to achieve future goals. A set of children's books will be given for free upon the opening of a new APS Star Account. For more information you can visit your nearest APS branch, call APS Customer Support Centre on 21226644, or log on to **www.apsbank.com.mt/star-account**

facebook.com/apsbank

2122 6644 | apsbank.com.mt | values you can bank on | APS

The APS Star Account is issued by APS Bank Limited, a credit institution licensed by the Malta Financial Services Authority. The minimum initial amount to open an APS Star Account is €25 while the maximum amount that can be deposited per year is €1000. No withdrawals are allowed before the account holder reaches the age of sixteen. Other terms and conditions apply and are available upon request. The Bank is subject to the Depositor Compensation Scheme established in terms of Legal Notice 369 of 2003 as subsequently amended.



# IL- MESSAĠĠ TAR-RETTUR

Patri Jürgen Cucciardi O.Carm.

Għal darba oħra qegħdin nippreżentaw din it-tifkira hekk kif qegħdin intemmu sena skolastika oħra, sena li nistgħu nqisuha bħala sena mimlija li kien fiha ftit minn kollox. Matul din is-sena ħdimna flimkien sabiex inkomplu ngħinu lill-istudenti tagħna jikbru f'kull aspett tal-personalità tagħhom. Bil-limiti kollha tagħna, ħdimna flimkien sabiex nippruvaw nagħtu l-aħjar edukazzjoni u nwasslu l-valuri li jsawru l-ħajja.

Meta nħarsu lura lejn dak li qegħdin intemmu, nagħrfu napprezzaw dejjem iżjed il-kapaċitajiet tal-istudenti tagħna, u għalhekk inħarsu lejhom bħala persuni li qegħdin jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom, biex b'hekk, għada pitgħada, joħorġu mill-Kulleġġ bħala persuni mibnijin b'personalità.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-istudenti tal-preżenza tagħhom fl-iskola u lill-ġenituri tal-koperazzjoni li nsibu mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-membri tal-Amministrazzjoni, lill-għalliema, lil-LSAs u lill-ħaddiema l-oħrajn li għal sena oħra stajna niġbdu ħabel wieħed għall-ġid tal-istudenti tagħna.




## PARTIES FOR ALL OCCASIONS AND MORE

BASKAL BUHAGIAR STREET, MOSTA CONSTITUTION STREET, MOSTA

t: 2143 4328/2743 4329 | m: 7904 8722

choc au lait patisserie@melita.com

www.chocaulaitpatisserie.com

## J.G. IRONMONGERY

Power & Hand Tools
Plumbing & Electrical Fittings
Furniture Fittings

Joe Giordimaina
Psaila Street, Birkirkara
Tel. 2148 4198



**Carrubia**

BAR, RESTAURANT & PIZZERIA
107, Xatt is-Sajjieda, M'Xlokk
Tel: 2165 0174 - 2165 1575
Tel/Fax: 2165 8728







# IL- BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA

Nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2015, il-Kulleġġ ta bidu għal sena skolastika ġdida. Dakinhar, l-istudenti tas-Seba' Sena bdew il-ġurnata flimkien mal-ġenituri tagħhom bil-quddiesa. Wara kellhom ħin li fih setgħu jsiru jafu lill-għalliema u jsiru midħla tal-Kulleġġ li kien għadhom kemm bdew l-edukazzjoni sekondarja tagħhom fih.

L-għada, it-Tlieta, bdiet is-sena skolastika għall-bqija tal-istudenti. Dan kollu kien il-bidu ta' sena skolastika ġdida, imżewqa b'ħafna attivitajiet ippjanati u ċirkustanzi oħrajn li nqalgħu minn żmien għal żmien.



[ ...il-bidu ta' sena skolastika ġdida, imżewqa b'ħafna attivitajiet ]











# ĦARĠIET EDUKATTIVI

Fit-22 ta' Ottubru 2014, l-istudenti ta' bejn is-7 u l-10 Sena kellhom il-ħarġiet edukattivi: l-istudenti tas-7 Sena żaru l-Mużew tal-Arkeoloġija, is-*Sacra Infermeria* u l-*Malta Experience* fil-Belt Valletta; l-istudenti tat-8 Sena żaru l-*Limestone Heritage* u l-*Malta Falconry*; l-istudenti tad-9 Sena żaru l-*Malta at War Museum* u l-Forti Rinella; filwaqt li l-istudenti tal-10 Sena żaru l-*Fortress Builders* u l-Mużew tal-Arkeoloġija. L-istudenti tal-11-il Sena kellhom laqgħat ta' preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol.






sphinx
Pastizzeria
16, Rotunda Square, Mosta.
Tel: 2742 0067


El Dorado
Fine Dining
Ġorg Borg Olivier Street, Victoria
Tel: 2155 6333 Mob: 7920 4679
Email: info@gozoeldorado.com


COMMENTARY IN 16 LANGUAGES • DISPOSABLE EAR PHONES
CitySightseeing
Gozo
Departures
Every 45 min
Operated By
Gozo Joy Rides
TOUR
OFFICIAL
OF GOZO
CALL US ON:
t: 2156 9996
m: 7956 9996
Hop On - Hop Off
www.citysightseeinggozo.com









# IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-MILIED

Fi tmiem l-ewwel term iċċelebrajna l-festa tal-Milied. Bdejna b'quddiesa fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa u wara komplejna b'ikla f'lukanda fil-Mellieħa stess. L-istudenti tas-Seba' Sena kantaw xi għanjiet u kien hemm ukoll ħin ta' mużika mill-*band* tal-Kulleġġ *Infrared*.

# Arthur and John's Garage

Coaches, Mini Buses & Taxi




T: 21441387 | 77192192 email: arthurandjohn@onvol.net

www.arthurandjohn's.com












## L-INAWGURAZZJONI TAL-

# LIBRERIJA

Fit-23 ta' April 2015 il-Kulleġġ għaqqad ġewġ affarijiet flimkien: il-Jum Dinji tal-Ktieb u l-ftuħ tal-librerija l-ġdida. Għal din l-okkażjoni kien mistieden l-awtur popolari s-Sur Trevor Zahra li kellem lill-istudenti u wieġeb għall-mistoqsijiet tagħhom. Huwa fetaħ uffiċjalment il-librerija li tbierket mill-Provinċjal Patri Alexander Vella O.Carm. Il-librerija ssemmiet għall-Patri Karmelitan Anastasju Cuschieri, il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija.

PHOTOCOPY BUREAU
copyserv LIMITED

Photo copies
Newsletter
Business Cards
Letter Heads
With Compliments Slips
Booklets
Posters

Unbeatable prices in Photo copies

FREE DELIVERY all
over MALTA!!

Find us on Facebook

Call us on: 27209409 / 77940904
emails: copyservltd@gmail.com / lulu18@melita.com

TA' SOLDI RESTAURANT
the heart of good food!



The True Taste of Malta
... our speciality is the Mixed Maltese Dish!

Triq iz-Żebbiegħ,
Mġarr - Malta

Tel: 2157 2535 / 2152 5815
Fax: 2152 5783
Mobile: 9949 5896
9984 9961, 9943 7533

trade leaders' club

International Award
Restaurant













# REBBIEĦA

Bġas-snin l-imgġoddija, din is-sena wkoll kellna numru ta' studenti li rebġu numru ta' premjijiet f'kompetizzjonijiet li kienu organizzati fuq livell nazzjonali.

Carlos Cutajar rebaġ il-Premju tal-President ġall-Kreattività 2014; Bradley Attard u Jerome Busuttil ġadu t-tieni u t-tielet premju fil-kompetizzjoni tal-karrijiet tal-Karnival; Fil-Peace Poster Contest, Etienne Sciberras ġa t-tieni premju, Shaun Borg ġa t-tielet premju, filwaqt li Jean Paul Abela, Miguel Abela, Luke Azzopardi, Massimo Bonello, Andy Ciappara u Nataniel Debono ġadu premju ta' mertu.







cseven
SNACK MENU

SNACKS EAT IN
or
TAKE AWAY

7, Rabat Road, Xlendi Gozo
tel/fax 2701242 Mob: 99844462

The Premier

Pastizzeria

Prop. Etienne Vella

21 Triq il-Kostituzzjoni
Mosta
Tel: 2141 6750

DOWNTOWN
Hotel
★ ★ ★
Superior



Island of Gozo, Malta

Downtown Ltd. Triq l-Ewropa, Victoria, Gozo, Malta
t. +356 2210 8000 f. +356 2156 6376
e. info@downtown.com.mt w. www.downtown.com.mt











# Jum l-Isports

Nhar it-22 ta' April 2015 kellna Jum l-Isports fl-Istadium tal-Marsa. L-istudenti, imqassmin skont il-*houses* tagħhom, ħadu sehem f'diversi dixxiplini sportivi. L-attività ntrebħet mill-*house* tal-ħodor.








SAINT ELIAS
COLLEGE







# ATTIVITAJIET OĦRAJN

Nistgħu ngħidu li huwa diffiċli li nsemmu l-attivitajiet kollha li kellna matul is-sena. Se nsemmu biss xi wħud ... attivitajiet reliġjużi, attivitajiet sportivi, attività vokazzjonali għall-istudenti tas-Seba' Sena, laqgħa bejn l-istudenti tat-Tmien Sena u l-awtur Simon Bartolo, *peer preparation programme* għall-istudenti tas-Seba' u t-Tmien Sena, *fieldwork* għall-istudenti tal-Bijoloġija, ħarġiet lejn postijiet ta' interess bħas-*Central Bank of Malta* u l-Berġa ta' Kastilja, kif ukoll attivitajiet ta' *fundraising* bis-sehem tal-istudenti u tal-ġenituri.










...huwa diffiċli li nsemmu l-attivitajiet kollha li kellna matul is-sena





# JUM IL-PREMJAZZJONI



Fis-7 u fit-8 ta' Mejju 2015, ġie ċċelebrat Jum il-Premjazzjoni. Il-programm kien jinkludi kant mill-kor tal-Kulleġġ, kant u mużika minn studenti solisti, mużika mill-band tal-Kulleġġ Infrared, id-dramm Oliver Twist, diskors tal-istudenti u kelmtejn mir-Rettur. Fl-ewwel serata ppresieda l-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta, li qassam il-premjijiet lill-istudenti tal-Għaxar Sena, filwaqt li fit-tieni serata ppresieda l-W.Rev. P. Alexander Vella, Pirjol Provinċjali li qassam il-premjijiet lill-istudenti tat-Tmienja u tad-Disa' Sena. Kienu żewġ serati sbieħ li fihom urejna t-tajjeb u s-sabiħ li għandna fil-Kulleġġ.


























# IL-MISSJONI KARMELITANA TAL-BOLIVJA

## KITBA TA' ARIANA ABELA LI DAN L-AĦĦAR GĦAMLET ESPERJENZA MAL-KARMELITANI FIL-BOLIVJA.

Il-Karmelitani f'Tarija, il-Bolivja, huma preżenza importanti ħafna. L-impressjoni li bnejna tul il-ġimgħat li qattajna hemm kienet li Tarija ma tistax timmaġinaha mingħajr Padre Garvin u Padre Jorge, kif inhuma magħrufin il-Karmelitani Maltin li hemm fil-Parroċċa ta' San Roque.

Tarija hija belt relattivament ċkejkna bi pjazez sbieħ, ħafna xemx u nies jitbissmu. It-toroq jinbidlu skont l-okkażjoni, imma l-kuluri ma jonqsu qatt. Jekk hemm elezzjoni politika jew festa reliġjuża, il-Bolivjani jafu kif jiċċelebraw u jdaħħluk fl-atmosfera.

Id-dar tal-irtiri li hemm ftit kilometri 'l boghod miċ-ċentru, fil-post magħruf aktar bħala Rincon de La Victoria, tippreżentalek serenità liema bħalha, bil-muntanji fuq wara, ix-xmara biswit u foresta sħiħa quddiemek.

Flimkien mas-sorijiet Karmelitani, ħdimna fil-kċejjen li jitimgħu lill-foqra u lit-tfal fil-belt, filwaqt li fid-dar tal-irtiri ħdimna biex nagħtuha ftit kulur u ambjent sabiħ għaż-żgħażagħ u dawk kollha li jibbenefikaw mill-għajnuna spiritwali li joffru l-Karmelitani.

Kellna x-xorti li naraw ix-xogħol tal-Karmelitani maż-żgħażagħ, mal-foqra u ma' dawk l-aktar fil-bżonn f'Tarija. Kulma jagħmlu jsir f'ambjent ta' talb, tbissima u ħafna imħabba.

# L-ISTAFF

Ritratt tal-istaff ta' Saint Elias College flimkien mal-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta, f'għeluq is-70 sena mill-bidu tal-ħidma edukattiva mill-Karmelitani f'Malta. Fir-ritratt jidhru wkoll reliġjużi Karmelitani u qassisin li kienu studenti tal-Kulleġġ.



# Sena 7A

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sur S. Fsadni (għalliem tal-klassi), Kyran Sciberras, Miguel Abela, Luke Vella Gera, Raoul Bongailas, Jean Paul Abela, Karl Xerri, is-Sur J. Farrugia (LSA), is-Sa A.M. Briffa (LSA), Antonio Tola, Javier Agius, Jake Agius, Travis Briffa, Gabriel Sciberras, Yanick Cutajar, Keith Calleja, Jake Vella, Damian Navarro, Gabriele Xerri, Francesco Spiteri, Matthew Mifsud, Jacob Bugeja, Luca Bonello, Zean Leonardi, Andriy Chetcuti Theuma, Lennox Vella, Kerlstin Azzopardi.



# Sena 7B

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Miguel Farrugia, Mark Pace, Andy Ciappara, Jake Agius, Timothy Spiteri, Jake Ciantar, Alexnader JC Debono, is-Sur M. Farrugia (għalliem tal-klassi), Luca Abela, Neil Falzon, Matthew Curmi, Daniel Bonnici, Sheldon Galea, Aiken G. Gatt, Zack Vassallo, Raul Cauchi, Liam Micallef, Nicholas Micallef, Jerome Busuttil, Kyle Bonnici, Miguel Chetcuti, Sean Gauci, Andre Azzopardi, Etienne Sciberras, Jake Tonna.



# Sena 8A

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sinjorina O. Said Ghigo (għalliema tal-klassi), Zachary Zammit, Alan Vella Agius, Zachary F. Zahra, Kian Mifsud, Stefan Farrugia, Peter Dingli, is-Sur N. Schembri (LSA), Nathaniel P. Scicluna, Aiden Spiteri, Luke P. Duddy, James Aquilina, Jake Gatt, Miguel Bugeja, Luke Muscat, Chad Sehloho, Julian Mangion, Yan Camilleri, Bradley Debono, John Attard, Luke Aquilina, Owen Perry, Matthew Fabri, Andrew Fenech, Liam Hudson, Miguel Mifsud.



# Sena 8B

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sinjorina M.L. Attard (għalliema tal-klassi), Owen Akakios, Andrea Balzan, Shaun Borg, Miguel Mifsud, Morientes Bigeni, David Zammit, is-Sa A. Borg (LSA), Matthew Amaira, Aidan Vassallo, Isaac Gatt, Klion Agius, Kieron Talian Pace, Christopher Scerri, Ryan Coleiro, Owen Camilleri, Kledi Azzopardi, Karl Bartolo, Alexander Cortis, Neil Flattley, Nathaniel Attard, Abraham Aquilina, Daniel Borg, Ishmael Galea, Gilmore Muscat, Owen Pisani.



# Sena 9A

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sa D. Dalli DeCesare (għalliema tal-klassi), Matteo Abela, Dawson L. Coleiro Seychell, Julian Galdes, Matthew Farrugia, Francesco Borg, Julio Buttigieg, is-Sa M. Beck (LSA), Owen Vassallo, Aidan Bonello, Axl Agius, Lee Mifsud, Miguel Mifsud, Isaac Buhagiar, Jason Dalli, Christopher Caruana, Gosef Mizzi, Jacob Caruana, Cleaven Caruana, Jacob Borg, Kian bugeja, Daniel Busuttil, Daniel Attard, Ian Micallef.



# Sena 9B

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sur E. Busuttil (għalliem tal-klassi), Nathaniel Debono, Darren Micallef, Bradley Attard, Antonio Cassar, Luke Pio Spiteri, Miguel Polidano, Kristian Grech, Owen Muscat, Dylan Borg, Nathan Attard, Christian Mula, Nicholl Bugeja, is-Sur K. Carabott (LSA), Matthew Calleja, Karl Micallef, Samuel Cassar, Kyle J. Galea, Jayden Sinagra, Luke Azzopardi, Clayton Sciberras, Matthew Xuereb, Sergey Picarelli, Mitchell Bennett, Carlos Cutajar, Yesahel Scicluna.



# Sena 10A

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sur F. Borg (għalliem tal-klassi), Clive Camilleri, Samuel C. Vella, James Bugeja Douglas, Jean Claude Tonna, Liam Portelli, Matthew Powell, Adam J. DeBattista, Jean Pierre Sciberras, Ryan Zammit, Jean Luc Scicluna, Bradley Dutton, Ryan Zammit, Jonathan A. Gatt, Patrick Borg, Robert Caruana, Dean Formosa, Karl V. Apap Gatt, Glenn Pace, Jonpaul Seychell, Jacques Vella Critien, Camirnn Zammit, Ryan Cauchi.



# Sena 10B

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sa C. Zammit Farrugia (għalliema tal-klassi), Rudy Bugeja, Liam Vella, Nicholas Cumbo, Elias J. Cajal, Gabriel Mamo, Thorin Incorvaja, is-Sur D. Grixti (LSA), Kyle Farrugia, Jeremy Cauchi, Justin Camilleri, Aidan Bonnici, Massimo Bonello, Clyde Aquilina, Kieran Vella, Kurt Zammit, Luigi Bonavia, Brandon Ciappara, Quillan Demicoli, Clive Bajada, Andrea Bugeja, Andreas Gatt, Clyde Bonnici, Samuel Felice, Jaiden Vella.



# Sena 11A

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sur J. Padovani Ginies (għalliem tal-klassi), Zachary Belkheir, Nicholas Bonnici, Keith Desira, Glenn Tabone, Andrea K. Vassallo, Miguel Taliana, is-Sa A. Zammit (LSA), Matteo Cuschieri, Daniel Aquilina, Matthias Pullicino, Gianluca Abela, Max Bonavia, Liam Grima, Ismael Vella, Andrew Felice, Daniel Caruana, Jason J. Bartolo, Gary Ciappara, Kyle Barbara, Andrea Aquilina, Julian Mercieca, Isaac Bone, Clint Busuttil. Mhumiex fir-ritratt: Simon F. Camilleri, Daryl J. Seracino.



# Sena 11B

Mix-xellug għal-lemin, mill-ewwel għall-aħħar filliera:
Is-Sa K. Schembri Niesz (għalliema tal-klassi), Benjamin Brincat, Fabrizio Farrugia, Ryan P. Diacono, Kyle Mercieca, Matthew Gauci, is-Sinjorina C.A. Vella (LSA), is-Sur G. Dalli (LSA), André Deguara, Matthew Aquilina, Neville Galea, Liam R. Gatt, Jeremy Curmi, Bradley Aquilina, Daniel Debono, Sholdon Ghigo, Kyle Calleja, Justin Demaunele, Neville Galea, Owen Fenech, Juan Bonnici, Owen D. Calleja, Deemer Garufi, Nicholas Vassallo, Fabian Aquilina, Tristan Sciberras, Tyler Xuereb.















# JUM IL-GRADWAZZJONI

Nhar is-26 ta' Marzu 2015 sellimna lill-istudenti tal-Ħdax-il Sena permezz tal-Gradwazzjoni. Is-serata bdiet b'quddiesa mill-Provinċjal tal-Karmelitani Patri Alexander Vella, u wara saru diskorsi mill-istudent Daniel Debono u mir-Rettur. Fl-aħħar, l-istudenti ngħataw tifkira tal-edukazzjoni sekondarja tagħhom.

# BBQ

# BUFFET NIGHT

JOIN US EVERY FRIDAY FROM 19.00HRS
AT LES JARDINS TERRACE & GARDEN POOL

| €17.50 PER ADULT | €8.75 PER CHILD (06 – 12 years) |
|---|---|

## INCLUDING LIVE ENTERTAINMENT

GROUP PACKAGES ALSO AVAILABLE

For further information contact
us on 2152 0923 or info@maritim.com.mt

www.maritim.com.mt

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta



# KAPITLU PROVINĊJALI

Bejn is-6 u l-10 ta' April 2015, ir-Reliġjużi Karmelitani tal-Provinċja Karmelitana Maltija ltaqgħu fid-Dar tat-Talb 'Lunzjata' fir-Rabat biex jiċċelebraw il-Kapitlu Provinċjali. Il-Pirjol Ġenerali tal-Ordni Karmelitan, Patri Fernando Millán Romeral, akkumpanjat mill-Kunsillier Ġenerali Patri John Keating, ippresieda l-Kapitlu. F'dan il-Kapitlu Provinċjali, ir-reliġjużi għamlu evalwazzjoni tal-ħajja Karmelitana, u programmazzjoni għat-tliet snin li ġejjin. Fil-Kapitlu Provinċjali, il-Pirjol Ġenerali kkonferma l-elezzjoni ta' Patri Alexander Vella bħala l-Pirjol Provinċjali u kkonferma wkoll l-elezzjoni ta' Patri Charles Mallia, Patri Maurice Abela, Patri Anthony Cilia u Patri Alexander Scerri bħala Kunsillieri tal-Provinċjal. Il-Provinċjal għażel lil Patri Glen Attard bħala Segretarju Provinċjali.

Kif jitolbu l-Istatuti tal-Provinċja Karmelitana Maltija, wara l-Kapitlu Provinċjali, il-Provinċjal ikkonferma lil Patri Jürgen Cucciardi bħala Rettur ta' Saint Elias College. Il-Provinċjal ħatar ukoll lil Patri Maurice Abela bħala Direttur Spiritwali tal-Kulleġġ.

# NAWGURAW LIL...

Patri Samwel Abela O.Carm. li fit-3 ta' April 2015 iċċelebra l-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Nirringrazzjawh ukoll tas-servizz li għadu jagħti lill-Kulleġġ tagħna.



# PACK

## TO SCHOOL





Pack to School is the only service that GUARANTEES you are buying the right school products ... meticulously handpicked by us and approved by your School

www.packtoschool.com.mt

**SIMPLE**
order online in seconds

**FAST**
no waiting time upon collection

**QUALITY**
reliable products at great value

**PRECISE**
school pre-approved products

info@packtoschool.com.mt Tel 21225665

afe

# ESPERJENZA TA'

# EKS-STUDENT







Bdejt nattendi l-Kulleġġ San Elija f'Settembru 1997. Ir-Rettur dak iż-żmien kien P. Charles Mallia O.Carm. Is-sena akkademika 1997-98, niftakar, kienet sena importanti għaliex immarkat bidla kemm f'isem ġdid għall-Kulleġġ (ma baqax Mount Carmel College) u kif ukoll fl-uniformi l-ġdida. Wara diġà tlettax-il sena li ilni li temmejt l-istudji tiegħi f'dan il-Kulleġġ, illum il-ġurnata nħares lura u niftakar kemm esperjenzi ffurmaw dak li jien illum.

L-ewwel u qabel kollox, il-Kulleġġ, għalija jfisser memorji sbieħ. Kien hemm diversi inizjattivi min-naħa tal-għalliema li għamlu possibbli li aħna l-istudenti nikbru b'mod sħiħ, mhux biss intellettwalment imma anke fiżikament u spiritwalment. Ir-Rettur u l-għalliema kienu jagħmlu li jistgħu biex iħeġġu dan. Ta' student li tkun, dak iż-żmien ma tantx tapprezza dan. Tapprezzah biss wara ħafna snin meta l-għalliema mbagħad ma jibqgħux iżjed "rwol" imma "wiċċ konkret", anke ħbieb.

Kif qed insemmu l-ħbieb, il-Kulleġġ ifisser għalija wkoll relazzjonijiet sbieħ. Il-ħbiberiji li llum il-ġurnata nqishom l-aktar għal qalbi setgħu jibdew jeżistu grazzi għall-Kulleġġ.

Iżda dan mhux kollox. Il-Kulleġġ għalija jfisser ukoll il-fisqija fejn setgħet tikber il-vokazzjoni tiegħi. Il-patrijiet li kienu preżenti l-Kulleġġ dak iż-żmien – insemmi pereżempju lil P. Maurice Abela O.Carm.– dejjem kienu ta' stimolu għalija biex nagħraf dejjem iżjed is-sejħa t'Alla għalija. Kien permezz tal-Kulleġġ li imbagħad nibtet fija x-xewqa biex insir reliġjuż Karmelitan.

Patri Glen Attard O.Carm.

# L-istorja tagħna ...

**29 ta' Ottubru 1944**

Titwaqqaf uffiċjalment l-istituzzjoni *Schola Mariano-Apostolica* fil-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani fil-Belt Valletta.






**1952**

L-iskola tiġi trasferita għax-*Chateau Lonz* f'Santa Venera. L-isem tal-iskola jinbidel għal *Mount Carmel College.*

**1968**

Jibda x-xogħol fuq il-bini tal-Kulleġġ il-ġdid, fuq pjanti tal-perit Leonard Mahoney, u jibda jintuża sentejn wara.





**28 ta' Diċembru 1971**

Isir it-tberik tal-Kulleġġ mill-W.Rev. Patri Ġustin Sant O.Carm., Pirjol Provinċjali.

**1974**

Jibda jintuża sular ġdid.






**1998**

L-isem tal-Kulleġġ jinbidel għal *Saint Elias College.*

**29 ta' Ottubru 2014**

Jitbierek sular ġdid mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta.









# MIS-SENA L-OĦRA

## JUM L-ATTIVITAJIET

Fl-aħħar ġurnata tas-sena skolastika 2013-2014, qabel bdejna l-eżamijiet, il-Kunsill tal-Istudenti ħaseb sabiex jorganizza Jum ta' Attivitajiet. Dakinhar bdejna b'quddiesa u wara, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Evarist Bartolo żar il-Kulleġġ u qassam it-trofej u l-midalji ta' Jum l-Isports. Wara l-iskola nbidlet f'post ta' attivitajiet u logħob: *table tennis*, *table soccer*, *ċess*, *draughts*, *treasure hunt* u *tournament* tal-futbol fost l-oħrajn. Dakinhar, minbarra li nġabru fondi għall-iskola, ħsibna wkoll fil-Missjoni Karmelitana tal-Bolivja billi l-qligħ tal-*burger* mar għal dan l-għan.




# TABELLI BI KWOTAZZJONIJIET EDUKATTIVI





# 70 SENA

## ta' ħidma edukattiva

Nhar id-29 ta' Ottubru 2014 iċċelebrajna għeluq is-70 sena mill-bidu tal-ħidma edukattiva mill-Karmelitani f'Malta. Dakinhar, bdejna l-ġurnata b'quddiesa li tmexxiet mill E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta, u wara sar il-ftuħ u t-tberik tas-sular il-ġdid. Għal din l-okkażjoni kienu mistednin ir-reliġjużi u s-saċerdoti li kienu studenti tal-Kulleġġ tagħna.



# L-ISTRINA BOV PIGGY BANK CAMPAIGN



Nhar il-21 ta' Novembru 2014, is-Sur Edgar Preca, ir-raġel tal-President tar-Repubblika ta' Malta, żar il-Kulleġġ tagħna bħala parti mill-*BOV Piggy Bank Campaign*. Sar programm qasir fis-sala, fejn saru kelmtejn ta' merħba mir-Rettur u minn Matthew Powell bħala President tal-Kunsill tal-Istudenti, kelmtejn mis-Sur Preca, u siltiet fuq il-pjanu u l-vjolin mill-istudent Timothy Spiteri. Is-Sur Preca żar ukoll xi klassijiet u ltaqa' mal-għalliema.




GATES & GARAGE DOORS

Specialists in Garage Doors,
Gates & Automation

Tel: +356 2141 9275
Mob: +356 9949 8269
Email: patrick.pds@gmail.com



SEA SHELLS
Bar & Restaurant







Triq ir-Rabat, Xlendi, Island of Gozo XLN 1103, Malta

T +356 2156 2937







# It-Tberik tas-Sular il-Ġdid



It-tberik tas-sular il-ġdid sar nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2014, mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta. L-okkażjoni kienet magħquda ma' għeluq is-70 sena mill-bidu tal-ħidma edukattiva mill-Karmelitani f'Malta. Wara t-tberik, l-Arċisqof Emeritu dar is-sular il-ġdid u wera l-apprezzament tiegħu għall-ħidma fil-Kulleġġ.






SAINT ELIAS COLLEGE
AMBJENT
KULL BNIEDEM



NINU CREMONA





# “THE EARTH IS YOUR CANVAS...

# ...ISN’T GREEN A LOVELY COLOUR!







Din is-sena, l-impenn tal-membri fl-EkoSkola kien wieħed serju, tant li ġew organizzati għadd ta’ attivitajiet li l-għan tagħhom kien li jitwassal messaġġ għaqli dwar l-iskart. Dan sar ukoll bl-għajnuna tas-Sur Bernard Grixti, li ġie jżurna tliet darbiet matul din is-sena skolastika.

Il-grupp tal-EkoSkola kien jiltaqa’ kull nhar ta’ Ħamis waqt it-tieni brejk. Għal kull laqgħa, is-segretarju kien iniżżel il-minuti biex tinżamm dokumentazzjoni rrekordjata tal-punti li jkunu ġew diskussi.

Fil-bidu tas-sena skolastika, saret elezzjoni fejn inħatru president, segretarju, viċi segretarju u PRO. Il-membri tal-grupp tal-EkoSkola kienu dawn: Mill-klassi 7A: Jean Paul Abela, Miguel Abela, Javier Agius, Keith Calleja, Matthew Mifsud, u Luke Vella Gera. Mill-klassi 7B: Andre’ Azzopardi (PRO), Alexander Debono, u Timothy Spiteri. Mill-klassi 8A: John Attard, Miguel Bugeja, Yan Camilleri, Bradley Debono (Segretarju), Kian Mifsud, u Alan Vella Agius. Mill-klassi 8B: Owen Camilleri. Mill-klassi 9A: Daniel Busuttil. Mill-klassi 9B: Nicholl Bugeja (President). Mill-klassi 10B: Massimo Bonello (Viċi-Segretarju). Il-grupp tal-EkoSkola huwa mmexxi mis-Sinjorina Dorianne Brincat u s-Sur Nunzio Schembri.

Il-grupp għandu wkoll noticeboard ġdida u aġġornata. Investejna wkoll f’iktar kontenituri għall-iskart madwar l-iskola, fosthom kontenitur għall-batteriji użati, ieħor għall-affarijiet elettroniċi, u ieħor għat-tappijiet tal-plastik li qiegħed ukoll iservi għal kawża ġusta.

Żewġ studenti kellhom l-opportunità li għall-ewwel darba jżuru l-bini tal-parlament il-ġdid fejn setgħu jsegwu seduta parlamentari ta’ studenti minn skejjel oħra bil-ħsieb li s-sena d-dieħla titressaq mozzjoni u jsemmgħu leħnhom huma wkoll.

Matul is-sena ġew organizzati numru ta’ attivitajiet fl-iskola, fosthom ġbir ta’ skart mill-bitħa waqt it-tieni brejk. Wara dan l-iskart ġie sseparat u saret dimostrazzjoni ta’ kif għandu jintrema bi ħsieb. Inġieb ukoll kontenitur ġdid li tqiegħed barra l-canteen u studenti tal-EkoSkola qagħdu juru lil sħabhom fejn u kif għandu jintrema skart differenti bi ħsieb.

Sar ukoll kwestjonarju li tqassam waqt Jum il-Ġenituri fejn il-mistoqsijiet kienu dwar ir-riċiklaġġ fid-djar.

Is-Sur David Briffa ħejja lezzjoni u wirja dwar kif il-panelli fotovoltajiċi li għandna fuq il-bejt tal-Kulleġġ jieħdu l-enerġija mix-xemx. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll li xi għalliema daħħlu t-tema tal-ambjent fis-suġġett u l-lezzjonijiet tagħhom.

L-għan tagħna se jkun illi s-sena d-dieħla nġibu l-green flag għall-Kulleġġ bħala turija tal-impenn ta’ kull membru favur l-ambjent kemm fl-iskola u barra minnha.

# WEBSITE ĠDIDA TAL-KULLEĠĠ




# VICTORY
## BUTCHER

Prop. Francis Grech

Fresh & Frozen Meat and Poultry, including a wide selection of Frozen Fish and Vegetables as well as home made products

12, Victory Square, Naxxar Malta
2141 0292 / 2142 0819
victorybutcher@melita.com

# Palm Valley

Restaurant

Triq il-Gardiel
Marsascala Malta

**Take away available**
**Place your take away order by phone and pick it up at your own convenience**

**Tel: +356 21636278**
**Mob: +356 77636278**

E-mail: dreamlinecoltd@msn.com

# PACE'S



## Our School Uniform Suppliers and Outfitters

**132, Old Theatre Street, Valletta | Tel: 2124 1373**

# NICHOLAS ALUMINIUM

ALUMINIUM · WROUGHT IRON · GLASS · STAINLESS STEEL
OVER 25 YEARS OF EXPERIENCE

No.33,
Triq Angelo Melilli,
Zebbug ZBG 2800

Tel : 21464761
Mob : 99877238
99240230
Fax : 27464761

Doors & Windows
*Specialising in thermal break profiles*
Insect Screens
Staircases & Railings
*Specialising in stainless steel & Glass Works*
Traditional Balconies
Skylights
Double Glazing
Fixed & Adjustable Louvers
Maintenance & Services
Tempered Glass Doors
Upvc doors & windows with high quality thermal insulation
Automated Insulated Roller Garage doors
Automated Sectional Garage doors
Electric / Manual window Roller shutters
**All kinds of wrought iron and stainless steel works**

























WEBSITE : WWW.NICHOLASALUMINIUM.COM
EMAIL : INFO@NICHOLASALUMINIUM.COM

Agendabookshop
TEXTBOOKS SERVICE
Primary & Secondary
www.agendatextbooks.com

# OFFERING YOU OUR LOWEST PRICES EVER

## MOST OF WHICH ARE BETTER THAN 15% OFF*

Collins PRIMARY FOCUS

**3 FOR 2 on all *Collins Primary Focus* titles**
Offer applicable when purchasing a minimum of 50% of the Year / Grade list from Agendabookshop Textbooks service.

**SPECIAL OFFER!**

**VISIT OUR WEBSITE WWW.AGENDATEXTBOOKS.COM TO PLACE YOUR ORDER**

**AGENDA ARE OFFERING THE SAME EFFICIENT SERVICE, INCLUSIVE OF:**

- TEXTBOOK COVERING SERVICE (10% DISCOUNT WHEN ORDERING ONLINE)
- 3 FOR 2 VOUCHERS ON CHILDREN'S BOOKS
- NO SUMMER SHUTDOWN
- AGENDA "BOOKS FOR SCHOOLS" TOKENS (ONLY APPLICABLE FOR SCHOOLS PARTICIPATING IN THIS SCHEME)

TEXTBOOK HOTLINE
21374873, 21378531
MON - FRI: 9AM - 5PM

*Terms and conditions apply. This offer is not applicable for 6th Form and University Textbooks.